# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Jannar 2020**

**Kawza Numru: 5**

**Referenza Kostituzzjonali Numru:- 55/2019 JVC**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**
**(Spettur Anna Maria Micallef)**

**vs**

**Vincent Etienne Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-referenza maghmula permezz ta' digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali datat il-11 ta' April, 2019 fejn permezz tieghu dik il-Qorti, wara li qieset l-atti kif komprizi fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Novembru, 2016, ir-rikors ghar-referenza kostituzzjonali pprezentat minn Vincent Etienne Vella fid-19 ta' Frar, 2019, ir-risposta tal-Avukat Generali ghar-rikors tar-referenza kostituzzjonali pprezentata nhar is-27 ta' Frar, 2019 u peress illi qieset illi t-talba tar-rikorrent ma kinitx wahda frivola jew vessatorja u qieset illi hi wahda li timmerita referenza lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat illi l-kwistjoni tintbghat quddiem din il-Qorti sabiex jigi determinat kif isegwi:

> 'Jekk l-appellat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba li ser ikun lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq fl-appell minnu intavolat quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali billi jkun ipprivat mid-dritt ghad-*doppio esame* u dana billi inholoq pregudizzju ghalih bil-fatt illi (1) huwa ma nghatax id-dritt li jippresenta nota ta' sottomissjonijiet bhal ma inghatat il-prosekuzzjoni u (2) li meta d-difiza ghamlet it-trattazzjoni taghha, din it-trattazzjoni ma kienitx registrata u kwindi bhala rizultat, il-Qorti tal-Magistrati ma ezaminatx id-difiza tieghu ghar-reati lilu addebitati bi vjolazzjoni ghal principju tal-*equality of arms* u tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq skond il-ligi.'

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ghar-referenza pprezentata nhar is-16 ta' Mejju, 2019 fejn permezz taghha wiegeb kif isegwi:

'Illi t-termini tar-referenza maghmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali hija sabiex din l-Onorabbli Qorti twiegeb ghal-kwezit dwar jekk Vincent Etienne Vella fil-kawza *Il-Pulizija vs. Vincent Etienne Vella* hux ser igarrab vjolazzjoni tal-jedd ghal-smigh xieraq kif protett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. B'mod partikolari l-Qorti referenti qeghdha issaqsi jekk fil-proceduri kriminali in kwistjoni giex osservat il-principju *tal-equality of arms* fid-dawl ta' dak li qed jghid Vincent Etienne Vella fis-sens li hu ma inghatax id-dritt li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u li meta saret t-trattazzjoni din ma gietx registrata bil-konsegwenza li gie pprivat mid-dritt ghad-*doppio esame.* Illi essenzjalment r-rikorrent qieghed jilmenta li qabel mal-Qorti tal-Magistrati tat is-sentenza taghha, kien hemm xi forma ta' zbilanc bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza fis-sens li d-difiza giet zvantaggjata.

Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi spjegat iktar l-isfel.

Illi jibda biex jinghad li l-jedd ghal-smigh xieraq irid jigi ezaminat fit-totalita' tal-proceduri kriminali. Illi sabiex jigu applikati l-elementi tas-smigh xieraq jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti (ara *Fenech vs Avukat Generali* deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 - Vol. LXXXlll.i.213). Wiehed ma jistax u m'ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew ghelt, jasal ghall-konkluzjoni li

tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (*Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et* deciza fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXll.i.158).

Illi galadarba irid jigi ezaminat il-process kollu, proprju l-fatt li r-rikorrent appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati wiehed bilfors irid jikkunsidra u jinkludi l-istadju tal-appell fl-analizi li trid issir ta' jekk ir-rikorrent inghatax smigh xieraq jew le.

Illi r-rikors tal-appell intavolat mir-rikorrenti huwa c-certifikat li hu qed jinghata smigh xieraq ghax jekk dehrlu li l-Qorti tal-Magistrati kienet zbaljata fis-sentenza taghha ghax ma tatx bizzejjed konsiderazzjoni lid-difiza tieghu, r-rikorrent seta' dejjem jappella dwar dan il-punt kif fil-fatt ghamel. Fl-ahhar mill-ahhar il-funzjoni ta' Qorti ta' Appell hija wkoll li tirrevedi u fejn ikun hemm bzonn tirrimedja ghan-nuqqasijiet li jsiru mill-Qrati tal-Ewwel Istanza. Ghalhekk f'dan l-istadju jekk ir-rikorrent qieghed jallega li quddiem il-Qorti tal-Magistrati ma rnexxilux jipprezenta d-difiza li xtaq, hu ghandu l-jedd iqajjem dan il-punt quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li fl-ahhar mill-ahhar ghandha il-kompetenza tiddeciedi jekk finalment ir-rikorrent ghandux jinstab hati jew le u taghti r-ragunijiet.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad li minn dak li jirrizulta mill-atti processwali tal-kawza kriminali xejn ma ippregudika d-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent. Ghalkemm huwa minnu li l-prosekuzzjoni ipprezentat nota ta' sottomissjonijiet tardivament u minghajr il-visto tal-kontro-parti, jirrizulta li waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2016 ir-rikorrent talab differiment proprju sabiex jirregola ruhu dwar in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni liema talba giet milqugha mill-Qorti. Waqt din is-seduta ir-rikorrent kellu l-opportunita jitlob li

anke hu jaghmel nota ta' sottomissjonijiet pero' evidentement id-difiza ghazlet strategija ohra li s-sottomissjonijiet taghha isiru bil-fomm. Tant li fis-seduta  tat-18 ta' Lulju 2016 saru sottomissjonijiet orali mid-difiza. Ghalkemm ir-rikorrent qed jghid li waqt li d-difiza kien diversi interuzzjonijiet li ghamluha difficli biex l-avukat li kien qed jippatrocinja l-istess rikorrent jaghmel xoghlu sew, ma sar l-ebda verbal fejn il-difiza gibdet l-attenzjoni tal-Qorti dwar dan.

Il-fatt li ma saritx traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet ma jfissirx li l-Qorti tal-Magistrati ma haditx konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tad-difiza. Fil-fatt meta wiehed jara is-sentenza li tat il-Qorti, isib li din hija wahda motivata u dettaljata. Fi kwalunikwe kaz id-dritt ghad-*doppio esame* li jsemmi ir-rikorrent m'huwiex indikat bhala jedd fundamentali.

Ghalhekk meta wiehed jara l-process kriminali fl-intier tieghu zgur li ma jirrizultax *a flagrant denial of justice*  li jammonta ghal-vjolazzjoni tal-jedd ghal-smigh xieraq.

Rat l-atti kollha, xhieda, provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent Vincent Etienne Vella pprezentata nhar is-26 ta' Lulju, 2019 u n-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-Avukat Generali pprezentata nhar it-2 ta' Ottubru, 2019;

Rat illi fil-verbal datat 8 ta' Ottubru, 2019 ir-referenza kostituzzjonali gie differit ghal-lum ghas-sentenza in difetto ostacolo.

Rat li ma dahal xejn aktar fl-atti wara d-differiment ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tar-rikors tad-19 ta' Frar, 2019 ir-rikorrent Vincent Etienne Vella issottometta li sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem is-smigh ta' kawza jrid ikun wiehed xieraq, u biex jirrizulta li kien hemm smigh xieraq wiehed m'ghandux biss ihares lejn xi nuqqasijiet procedurali li jinkorru, pero' jekk fl-assjem taghhom, il-proceduri kienux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza. Kien ghalhekk li huwa ressaq l-ilment tieghu fejn sostna li quddiem l-Ewwel Qorti gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrenti lmenta li l-principju tal-*equality of arms* fil-kaz tieghu huwa nieqes stante li fl-atti hemm biss in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni li ddahlet tardivament u minghajr il-visto tad-difiza. Jilmenta wkoll li t-trattazzjoni tad-difiza ma gietx registrata bil-konsegwenza li fid-deliberazzjoni taghha l-Ewwel Qorti kellha biss quddiem ghajnejja l-gharbiel tal-provi tal-prosekuzzjoni u mhux ukoll l-gharbiel tal-provi tad-difiza. Irrimarka li l-Qorti waqt is-smigh tat-trattazzjoni orali tad-difiza kellha diversi interruzzjonijiet u disturbi. Skont ir-rikorrent dan kollu wassal ghal zbilanc processwali li sahhah il-posizzjoni tal-prosekuzzjoni u ppregudika l-posizzjoni legali tad-difiza. Jghid li ghalhekk wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom, certi mankanzi jew anke aspett partikolari wiehed, jista jkun tant determinanti li l-Qorti tasal li ma kienx hemm 'smigh xieraq'. Ghalhekk fid-dawl ta' dak espost huwa talab li ssir referenza kostituzzjonali.

Illi da parti tiegħu l-Avukat Ġenerali rrisponda għar-rikors nhar is-27 ta' Frar, 2019 fejn issottometta li huwa minnu li fl-atti ma jirriżultax li hemm talba formali fejn il-prosekuzzjoni talbet sabiex tagħmel nota ta' sottomissjonijiet madanakollu fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2016 l-Qorti awtorizzat lill-prosekuzzjoni sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bil-visto tad-difiża. Huwa minnu wkoll li n-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża giet intavolata tardivament mingħajr visto madanakollu skont l-Avukat Ġenerali dawn in-nuqqasijiet ma ppreġudikawx id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent Vincent Etienne Vella għal smigħ xieraq stante li ngħata differiment sabiex jirregola ruħu dwar l-istess. L-Avukat Ġenerali ssottometta s-segwenti punti:

i. Għalkemm fuq in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni m'hemmx il-visto tad-difiża, fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2016 id-difiża ngħatat differiment proprju sabiex tirregola ruħha fuq din in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni. Dan ifisser li d-difiża kellha kull opportunita li tipprepara d-difiża tagħha wara li evalwa t-teżi tal-prosekuzzjoni. Fl-istess seduta tat-30 ta' Mejju, 2016 jissottometti li d-difiża kellha kull opportunita' li titlob li tintavola nota ta' sottomissjonijiet madanakollu għażlet li tagħmel sottomissjonijiet orali fl-udjenza tat-18 ta' Lulju, 2016.

ii. Jkompli jissottometti li skont ir-rikorrent fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2016, li fiha saru t-trattazzjonijiet, l-avukat li kien qiegħed jippatroċinah ġibed l-attenzjoni tal-Qorti li kien hemm diversi interruzzjonijiet u distrazzjonijiet u talab lill-Qorti tiddifferixxi l-kawża għall-gurnata oħra iżda dejjem skont ir-rikorrent il-Qorti ma ħassitx li kien hemm il-bżonn. Dwar dan, fil-verbal tas-seduta m'hemm xejn. L-Avukat Ġenerali jissottometti li l-iċken ħaġa li

setghet issir huwa li l-lanjanza tal-avukat difensur setghet giet ivverbalizzata jekk fil-fehma tieghu l-interruzzjonijiet u d-distrazzjonijiet kienu tali li ma kinux ser ihallu lill-Qorti tasal ghall-gudizzju gust.

iii. Il-fatt li ma saritx it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difiza ma jfissirx li l-Qorti ma haditx konsiderazzjoni tat-tezi tad-difiza. Il-Qorti waslet ghal gudizzju taghha a bazi ta' dak kollu li semghet mill-partijiet fis-sottomissjonijiet u a bazi tal-provi kollha fl-atti. Dan johrog car mill-fatt li s-sentenza hija ben dettaljata u motivata fejn tati reassunt tax-xhieda kollha u tal-provi dokumentarji kollha li gew ipprezentati miz-zewg partijiet.

iv. Dejjem skont l-Avukat Generali jsostni li bl-ebda mod ir-rikorrent ma gie mcahhad mid-dritt tad-*doppio esame* dan ghaliex huwa kellu kull opportunita' li jressaq il-provi tieghu, li jaghmel il-kontro-ezamijiet u li jaghmel is-sottomissjonijiet. B'hekk jirrizulta li l-principju tal-*equality of arms* giet rispettata mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati. Jinsisti li s-smigh tal-appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali huwa fil-fatt 'doppio esame' li r-rikorrenti ghandu rigward sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

In vista ta' dak kollu suespost l-Avukat Generali oppona ghat-talba tar-rikorrent u talab lill-Qorti sabiex tiddikjara t-talba tar-rikors bhala wahda frivola u vessatorja.

**Fatti fil-Qosor:**

Illi r-rikorrent Vincent Etienne Vella tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bil-kaz numru: 796/2009 bl-okkju Il-Pulizija -vs- Vincent Etienne Vella akkuzat fost affarijiet ohra bi riciklagg u bi frodi a detriment ta' CBM Bookmaker International Limited.

Il-lanjanza tar-rikorrenti qieghda fuq il-parti finali tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn huwa jilmenta li qed jigi vvjolat id-dritt tieghu ghal smigh xieraq fl-appell minnu ntavolat quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali billi ser jigi pprivat mid-dritt tad-'doppio esame' u dana billi:

(i) ma nghatax id-dritt li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bhal ma nghatat il-prosekuzzjoni; u

(ii) meta d-difiza ghamlet it-trattazzjoni taghha, din it-trattazzjoni ma gietx registrata u kwindi bhala rizultat il-Qorti tal-Magistrati ma ezaminatx id-difiza ghar-reati addebitati, bi vjolazzjoni tal-principju tal-*equality of arms* u tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq skont il-ligi.

Illi l-kronologija tal-fatti li fuqha r-rikorrenti qieghed jilmenta hekk kif tirrizulta mill-atti huma s-segwenti:

i. Fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2015 il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni ghas-seduta tas-27 ta' Mejju, 2015 (a fol. 1237 tal-process);

ii. Il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju, 2015 ma jirrizultax mill-atti tal-kawza u l-Qorti tirrileva li mill-atti provduti lilha jidher li ghal xi raguni l-fol. 1240 sa 1302 jew gew maqbuza bhala numru jew

huma nieqsa. Jidher izda minn ezami tal-atti li ai fini ta' dan ir-rikors fis-seduta tat-30 ta' Gunju, 2015 is-sitwazzjoni kienet ghadha l-istess stante li l-ufficjal prosekutur talab li jinghata aktar zmien sabiex jipprezenta n-nota (a fol. 1303 tal-process);

iii. Is-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2015 giet differita stante li l-Magistrat sedenti fil-kawza rtira u ghalhekk il-kawza kella tigi assenjata lill-Magistrat iehor (a fol. 1304 tal-process);

iv. Fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2016 preseduta mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech il-partijiet ezentaw il-Qorti li terga' tisma' x-xhieda gia mismugha. Fl-istess seduta l-Qorti tat lill-prosekuzzjoni zmien sat-28 ta' Marzu, 2016 sabiex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha bil-visto tad-difiza. Il-kaz gie differit ghat-trattazzjoni ghas-7 ta' April, 2016 (a fol. 1306 tal-process);

vi. Fis-seduta tas-7 ta' April, 2016 gie estiz il-perijodu ghal-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur sal-5 ta' Mejju, 2016 bil-visto tal-kontroparti. Il-kaz gie differit ghat-trattazzjoni finali ghat-30 ta' Mejju, 2016 (a fol. 1307 tal-process);

vii. Fis-27 ta' Mejju, 2016 giet ipprezentata fir-registru tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali n-nota ta' sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur. Ma jirrizultax li din in-nota giet ipprezentata bil-visto tad-difiza (a fol. 1308 sa fol. 1315 tal-process);

viii. Fis-seduta ta' tlett ijiem wara u cioe' fit-30 ta' Mejju, 2016 id-difiza talbet differiment mhux oppost sabiex tirregola ruhha. Ghalkemm il-Qorti taqbel li n-nota tal-prosekuzzjoni giet prezentata minghajr visto tal-kontro-parti, mas-seduta sussegwenti

l-imputat ghandu jigi meqjus li ha kont tan-nota fl-atti. Is-seduta baqghet differita ghat-trattazzjoni ghat-18 ta' Lulju, 2016 wara li appuntu d-difiza talbet li tirregola ruhha (a fol. 1316 tal-process);

ix. Fit-18 ta' Lulju, 2016 saret it-trattazzjoni orali u l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru, 2016 (a fol. 1318 tal-process);

x. Fit-30 ta' Novembru, 2016 nghatat is-sentenza (a fol. 1319 sa fol. 1350 tal-process).

**Ikkunsidrat ulterjoment;**

F'dan il-kaz ir-rikorrent Vincent Etienne Vella jikkontendi li huwa qed isofri minn vjolazzjoni taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-parti l-aktar rilevanti tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa s-subartikolu (1) illi jipprovdi s-segwenti:

> '(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.'

Mentri mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem l-aktar ta' rilevanza ghall-kaz huma s-subartikoli 1 u 3 illi jipprovdu s-segwenti:

> '1. Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn

tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu eskluzi mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieg, jew safejn ikun rigorozament meħtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.

(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu **<u>d-drittijiet minimi</u>** li ġejjin:

(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;

(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

(ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;

(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.' (enfazi tal-Qorti)

Illi dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea appena riferit, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- David Agius et**, deciza nhar il-21 ta' Frar, 2014 irriteniet illi:

'Illi l-van Dijk u van Hoof, fil-ktieb Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International (The Hague) 1998), jispjegaw il-punt hekk: "When is a hearing "fair"? in the Kraska Case 2 the Court took as a starting point that the purpose of Article 6 is, inter alia: "... to place the "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision". However, the Commission and the Court have avoided to give an enumeration of criteria in the abstract. In each individual case the course of the proceedings has to be assessed to decide whether the hearing concerned has been a fair one. What counts is the picture which the proceedings as a whole present, although certain aspects per se may already conflict with the principle of a fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of the proceedings, e.g. the way in which the evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ. (pp. 428-429)'.

'Fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita` taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien

> jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu/tkun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzzjoni li ma kienx hemm "smigh xieraq", (**P.A. – Fatiha Khallouf -vs- Kummissarju tal-Pulizija et. – 28 ta' Dicembru 2001**).'

Issa, hu principju assodat kemm fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, kif ukoll f'dik lokali, li d-determinazzjoni tal-ezistenza o meno ta' lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq jinnecessita' ezami tal-procedura gudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita' taghha (ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **Victor Lanzon -vs- Kummissarju tal-Pulizija** deciza nhar id-29 ta' Novembru, 2004). Kif osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Van Mechelen and Others v. The Netherlands** deciza nhar it-23 ta' April, 1997 illi:

> "The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law, and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as whole, including the way in which evidence was taken, were fair.' (enfazi tal-Qorti)

Illi r-rikorrent jilmenta li ser jitlef id-dritt tad-'doppio esame' quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u dana billi ma nghatax id-dritt li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bhal ma nghatat il-prosekuzzjoni.

Issa, minn ezami tal-process jirrizulta li l-prosekuzzjoni pprezentat fir-registru tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali n-nota ta' sottomissjonijiet taghha fis-27 ta' Mejju, 2016. Jirrizulta li din in-nota

ta' sottomissjonijiet giet ipprezentata minghajr il-visto tad-difiza u tlett (3) ijiem qabel is-seduta. Fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2016 id-difiza talbet differiment li ma giex oppost, sabiex tirregola ruhha u l-kawza baqghet bhas-seduti precedenti, differita ghat-trattazzjoni ghat-18 ta' Lulju, 2016.

Din il-Qorti tinnota li dan id-differiment intalab ezatt wara l-prezentata tan-nota u ghalhekk tifhem li ntalab mid-difiza appuntu sabiex tiehu konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni li issa kienet accessibbli fil-process u tirregola ruhha. Ghalkemm is-seduta tat-18 ta' Lulju, 2016 kienet skedata ghat-trattazzjoni, bhal ma kienu numru ta' seduti precedenti, l-Qorti tinnota li d-difiza kellha kull jedd li tressaq talba sabiex tigi awtorizzata tissottometti nota ta' sottomissjonijiet bhal ma ghamlet l-prosekuzzjoni kieku riedet, madanakollu mkien mill-atti ma jirrizulta li d-difiza ressqet tali talba la waqt is-seduti u wisq anqas permezz ta' rikors. Kif isostni l-Avukat Generali jidher li d-difiza preferiet il-linja ta' trattazzjoni orali. Di fatti dakinhar tat-18 ta' Lulju, 2016 id-difiza ghazlet li tipprocedi bis-sottomissjonijiet orali taghha u wkoll f'dan l-istadju ma saret l-ebda accenn fil-verbal ghal xi nota ta' sottomissjonijiet da parti tal-imputat.

Illi jirrizulta ghalhekk mill-atti lil din il-Qorti li l-ghazla li s-sottomissjonijiet tad-difiza jsiru b'mod orali u mhux bil-miktub jew ukoll bil-miktub kienet ghazla libera tad-difiza u ghalhekk l-imputat ma jistax f'dan l-istadju tal-proceduri jallega li l-Qorti tal-prima stanza kellha xi tort fil-fatt li ma saritx nota ta' sottomissjonijiet da parti tieghu.

Il-Qorti rat ukoll fl-atti x-xhieda tal-Avukat tar-rikorrent Dr Anthony Farrugia esebita a fol. 13 et seq u kontro-ezami a fol. 17 et

seq, fejn ghalkemm da parti tieghu jressaq bosta lmenti dwar kif skont hu saret it-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-prima stanza fl-ebda mument ma lissen xi lment dwar li bhala avukat difensur ma thalliex iressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Minn din ix-xhieda l-ilment tal-Avukat tar-rikorrent aktar deher iffokat fuq il-punt li t-trattazzjoni orali tieghu ma gietx irrekordjata u allega distrazzjoni, punti li ghad iridu jigu trattati aktar l' isfel.

Illi fl-isfond ta' dan kollu din il-Qorti ma tarax li l-ilment tar-rikorrent li qed jallega li ma nghatax 'fair trial' ghaliex skont hu ser jitlef id-dritt tad-'doppio esame' quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghaliex ma ressaqx nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Prima Stanza bhala wiehed gustifikat stante li din kienet biss konsegwenza ta' ghazla konxja tieghu u mhux xi nuqqas da parti tal-Qorti.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi r-rikorrent iressaq it-tieni lment tieghu fejn isostni li stante li t-trattazzjoni orali tal-Avukat tieghu ma gietx irrekordjata u skont hu kien hemm xi interruzzjonijiet jissottometti li bhala rizultat l-Qorti tal-Magistrati ma ezaminatx id-difiza tieghu ghar-reati addebitati fid-decizjoni taghha bi vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq b'tali mod li jinsisti li sejjer jigi lez il-principju tal-*equality of arms*.

Illi kif gie ritenut minn Andrew Grotian fil-ktieb tieghu **Article 6 of the European Convention on Human Rights: The Right to a Fair Trial** rigward l-Artikolu 6 jsostni kif isegwi:

> 'The most established right added to Article 6(1) is the principle of the equality of arms. This is important to

> understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent.'

Intqal ukoll dwar il-principju tal-equality of arms minn Harris, O'Boyle and Warbick fil-ktieb taghhom **Law of the European Convention on Human Rights** illi:

> 'The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties.'

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza deciza mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Huseyn and Others -vs- Azerbaijan**, deciza nhar is-26 ta' Ottubru, 2011 fejn intqal illi:

> 'The Court reiterates that the principle of equality of arms, as one of the fundamental elements of the broader concept of a fair trial, requires each party to be given a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent (see Nideröst- Huber v. Switzerland, 18 February 1997, § 23, Reports 1997 – I). That right means, inter alia, the opportunity for the parties to a trial to present their

own legal assessment of the case and to comment on the observations made by the other party, with a view to influencing the court's decision, (see, mutatis mutandis, Lobo Machado v. Portugal, 20 February 1996, § 31, Reports 1996-I with further references). The requirement of equality of arms, in the sense of a "fair balance" between the parties, applies in principle to both criminal and civil cases; in criminal cases a lesser degree of latitude is allowed for any deviations from that requirement (see Dombo Beheer B.V. v. the Netherlands, 27 October 1993, §§ 32-33, Series A. no. 274).'

Minn dan it-taghlim jitnissel ghalhekk li l-principju tal-'equality of arms' jittratta l-ugwaljanza procedurali fejn l-ebda wahda mill-partijiet f'kawza ma tigi zvantaggata proceduralment. Fil-kaz prezenti r-rikorrenti qieghed jilmenta li waqt it-trattazzjoni allegatament kien hemm ammont konsiderevoli ta' interruzzjonijiet u distrazzjonijiet li tellfu mill-attenzjoni tal-Qorti fis-smigh tat-trattazzjoni tad-difiza. Jilmenta wkoll li t-trattazzjoni ma gietx rekordjata u traskritta bil-konsegwenza li d-difiza tpoggiet bi zvantagg procedurali u ghalhekk gie lez il-principju tal-*equality of arms*.

F'dan l-istadju din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza li referenza saret ghaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent (a fol. 20 sa fol. 27 tal-process) fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Jason Spiteri** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali nhar l-14 ta' Novembru, 2018. F'dan il-kaz il-Qorti kienet sabet li kien hemm ksur tal-principju tal-'equality of arms' peress li n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat ghalkemm prezentata fir-registru tal-Qorti ma gietx moghtija lill-Gudikant sabiex jiehu konjizzjoni tad-difiza tal-imputat. Kuntrarjament ghall-kaz prezenti s-

sottomissjonijiet saru permezz ta' nota u mhux bhal fil-kaz prezenti permezz ta' trattazzjoni orali u ghalhekk kien hemm provi inkonfutabbli li s-sottomissjonijiet ma nghatawx lill-Gudikant.

Illi tajjeb li jigi rilevat li minn imkien fil-ligi ma jirrizulta li trattazzjoni ghandha tkun bilfors wahda rrekordjata. Lanqas jirrizulta mill-verbal li kien hemm xi talba da parti tal-imputat sabiex it-trattazzjonijiet orali jigu rrekordjati u traskritti. Fil-fatt l-Avukat tar-rikorrent rikorrent fix-xhieda tieghu lanqas isostni li dan sar. In oltre, ghalkemm ir-rikorrent jilmenta li kien hemm diversi interruzzjonijiet u distrazzjonijiet waqt it-trattazzjoni orali huwa rilevanti l-fatt li xejn minn dan ma ntalab li jitnizzel mill-avukat difensur fil-verbal tas-seduta meta l-minimu li kienet tistenna din il-Qorti minn avukat b'esperjenza ta' sebgha u tletin (37) sena (kif appuntu jixhed huwa stess) hu li jkun hemm xi tip ta' evidenza fil-verbal opportun. Seta' wkoll sar rikors fl-atti izda ma sarx nonostante li d-decizjoni inghatat erba' xhur wara. Bir-rispett kollu l-iskuza li jgib l-Avukat fix-xhieda tieghu li ma riedx inaffar lill-gudikant hija wahda pwerili ghall-ahhar stante li l-Avukat kellu jkollu f'mohhu f'dak il-mument l-ahjar interessi tal-klijent tieghu u certament verbal f'dan is-sens ma kienx ser inaffar l-ebda gudikant tal-affari tieghu li min jaf ma xhiex jiltaqa ta' kuljum waqt is-seduti. Jirrizulta lill-Qorti mill-atti li ghajr ghad-deposizzjoni tal-avukat Dr Anthony Farrugia ma ngabet l-ebda prova ohra li l-Qorti kienet tant distratta li ma haditx in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tad-difiza li saru oralment quddiemha. Fi kwalunkwe kaz, deciz li kienet ghazla konxja tad-difiza li ma taghmilx nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, fl-atti jirrizulta li kemm it-trattazzjoni orali tal-prosekuzzjoni kif ukoll dik tad-difiza ma gewx irrekordjati u lanqas traskritti u t-tnejn kienu suggett ghall-attenzjoni tal-Magistrat u hekk sar. Jirrizulta ghalhekk li z-zewg partijiet f'dan ir-

rigward inghataw l-istess trattament.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, din il-Qorti ma tqisx li l-fatt li t-trattazzjoni saret oralment dan neccessarjament ifisser li l-Qorti tal-Magistrati ma ezamintax id-difiza tal-imputat.

Illi ma huwiex kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fil-mertu tal-kaz madanakollu din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Van De Hurk -vs- The Netherlands** deciza nhar id-19 ta' April, 1994 fejn rigward il-motivazzjoni ta' sentenza rriteniet illi:

> 'The effect of Article 6(1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision (see the Kraska v. Switzerland judgement of 19th April 1993). It has to be determined whether this condition was satisfied in the instant case.
>
> **<u>Article 6 (1) obliges courts to give reasons for their decisions but cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument.</u>** Nor is the European Court called upon to examine whether arguments are adequately met.' (enfazi ta' din il-Qorti)

Illi minn hawn jinsorgi li l-obbligu ta' Qorti huwa li taghmel ezami akkurat tas-sottomissjonijiet, tal-argumenti u tal-evidenza mressqa mill-partijiet, madanakollu ma jfissirx li l-Qorti ghandha tipprovdi raguni dettaljata ghal kwalunkwe argument mressaq. Il-fatt li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

setghet m'ghamlitx referenza ghal argumenti kollha tad-difiza, u wisq anqas mid-decizjoni ma jirrizulta li ghamlet xi emfasi partikolari fuq is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni (anki dawk bil-miktub), ma jfissirx li l-Qorti ma haditx konsiderazzjoni taghhom fl-ezami taghha tal-kaz. F'dan l-istadju din il-Qorti terga' taghmel referenza ghal dak li jsostu van Dijk u van Hoof fil-ktieb Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Kluwer Law International (The Hague) 1998 - (kwotat aktar-il fuq) fejn filwaqt li jenfasizzaw li l-Qorti ghandha dmir li tezamina sew is-sottomissjonijiet, l-argumenti u l-provi mressqa lilha mill-partijiet jenfasizzaw ukoll li konsegwentement jithalla f'idejn l-istess Qorti li tevalwa u tiddeciedi liema minnhom ghandhom jinghataw rilevanza fid-decizjoni taghha. Il-Qorti tqis li appuntu huwa dan li sehh fil-kaz odjern. Din il-Qorti tqis li minn ezami tal-procedura gudizzjarja in ezami fit-totalita' taghha sal-lum ma rrizultax il-lezjoni tad-dritt fundamentali espost mir-rikorrent.

Illi in oltre din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Avukat Generali li fl-istadju tal-appell l-imputat ghandu kull jedd li jerga' jqajjem id-difiza tieghu kemm fl-istadju tal-appell bil-miktub kif fil-fatt ghamel, kif ukoll fis-sottomissjonijiet u trattazzjoni sabiex b'hekk anki l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikollha kull opportunita' li tistma', tarbel u tiddeciedi dwar l-osservazzjonjiet kollha mqajjma quddiemha u ghalhekk ma jissusistix l-ilment li l-imputat qed jigi b'xi mod imcahhad mid-dritt ghad-*doppio esame* pjuttost l-appell pendenti jevidenzja bil-kontra.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi saiex tiddeciedi din ir-referenza kostituzzjonali billi tiddikjara li r-

rikorrent Vincent Etienne Vella ma sofriex minn vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghar-ragunijiet indikati fir-referenza datata 11 ta' April, 2019 u ghaldaqstant tghaddi sabiex tichad l-ilment ta' Vincent Etienne Vella fl-interita' tieghu.

Tordna li l-atti kollha tal-proceduri kriminali jigu ritornati quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali flimkien ma' kopja legali tad-decizjoni odjerna.

Bl-ispejjez ghandhom jigu interament sopportati mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Jannar 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Jannar 2020**